MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2007

Numru 730/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR MAURICE CURMI**

**KONTRA**

**ARTHUR CHETCUTI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Arthur Mercieca ta’ 38 sena, bin Saviour u Winnifred nee’ Mamo, imwieled Tal-Pieta’ nhar it-28 ta’ Settembru, 1969, residenti fil-fond numru 69, Triq is-Sewwieqa, Hamrun, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 410669(M);

1. Akkuzat talli nhar is-26 ta’ Jannar, 2007 fil-hanut bl-isem ‘Reels’, Hamrun, iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew prodott ta’ industrija, jew manifattura, jew xjentement ghamel uzu ta’

sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista’ tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh tali merkanzija, jew xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh, jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’marka, sinjal jew emblema imxebbhin b’qerq, u cioe’ numru ta’ DVDs, ai termini tal-Artikolu 298(1) tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, u cirkostanzi bi qliegh, jew bi skop ta’ kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jheddijiet li johorgu mid-drittijiet ta’ l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-Ligi ta‘ Malta jew tahtha, ai termini tal-Artikolu 298B tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat f’dan l-istadju tal-proceduri, wara li nghata zmien xieraq skond il-Ligi sabiex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu;

Wara li rat l-Artikoli 298(1) U 298b tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat Arthur Chetcuti hati, u ghaldaqstant qed tikkundannah ghal multa ta’ mitejn lira maltin (Lm200.00);
Barra minn hekk din il-Qorti tordna wkoll il-konfiska u d-distruzzjoni tal-oggetti ezebiti f’dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------